

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2006/2130(INI)

22.11.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-ġejjieni tal-futbol professjonali fl-Ewropa
2006/2130(INI)

Rapporteur għal opinjoni Maria Berger

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet legali jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni li ser jadotta

- A. Minn naħa waħda l-leġislazzjoni primarja fis-seħħ tal-Komunità Ewropea ma tagħtiha l-ebda responsabilità għall-isports in general i jew għall-futbol professjonali b'mod partikolari, min-naħa l-oħra l-ebda minnhom ma hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni u, fost affarijiet oħra, il-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (Qorti tal-Ġustizzja) u deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni Ewropea jagħmluha ċara li, partikolarment, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni skond l-Artikolu 12 tat-Trattat KE, id-dritt tal-libertà ta' moviment għall-ħaddiema fis-sens ta' l-Artikolu 39 tiegħu, il-libertà tal-ħolqien u l-forniment ta' servizzi kif stipulat fl-Artikoli 43 u 49 tiegħu, id-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 87 tat-Trattat kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar il-politika dwar ix-xogħol u l-politika soċjali ma kellhom l-ebda impatt fuq l-isport u l-futbol professjonali,
- id-dikjarazzjonijiet mehmuża mat-Trattat ta' Amsterdam 1997 u d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Nizza 2000 ma bidlux u lanqas kellhom l-intenzjoni li jbiddu din is-sitwazzjoni legali,
- B. filwaqt li s-sitwazzjoni partikolari ta' l-isport, li ġiet meqjusa fit-Trattat ta' Amsterdam, fid-dikjarazzjoni ta' Nizza u fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tiġi rikonossuta f'deċiżjonijiet u dispożizzjonijiet legali fil-livelli kolla ta' gvern, għandu jiġi nnutat li l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet minn awtoritajiet nazzjonali tal-futbol, il-UEFA u l-FIFA, kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali tal-futbol professjonali hija sorveljata u kkontrollata,
- C. iqis li anki l-leġislazzjoni sekondarja ma tikkunsidrax b'mod sistematiku l-bżonnijiet speċifiċi tal-futbol professjonali; dan jikkonċerna b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet fir-rigward tar-rikonossiment ta' diplomi u permessi għall-coaches, l-aġenti tal-plejers u plejers ġejjin minn pajjiżi barra l-UE, l-"Independent European Sport Review" titlob li l-leġislatur Ewropew, fil-kuntest tal-futbol professjonali, jieħu azzjoni anki fl-oqsma problematiċi li ġejjin: il-ħasil tal-flus, qerq fil-logħob ta' l-azzard, sfruttament ta' plejers żgħażaġh u bejgħ illegali ta' plejers, regolazzjoni ta' lotteriji fil-każ li monopolji nazzjonali jitneħħew, il-ġlieda kontra r-razziżmu u d-delinkwenza fl-isport, is-suq illegali tal-biljetti,
- D. iqis li bi professjonalizzazzjoni u kummerċjalizzazzjoni akbar ta' l-isport b'mod ġenerali u tal-futbol b'mod partikolari, żdiedu l-punti komuni bejn il-futbol u l-liġi Ewropea u dan jirrefletti ruħu wkoll fin-numru dejjem jiżdied ta' każijiet pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Kummissjoni,
- dan kabbar il-problema ta' l-inċertezza legali b'mod kunsiderevoli u s-setturi konċernati qed iħossu li l-approċċ li qed ikun iktar u iktar ibbażat biss fuq kull każ individwalment huwa insuffiċjenti, kif ġie dokumentat fl-istudju ppubblikat riċentement "Independent European Sport Review 2006", ikkummissjonat minn uħud

mill-ministri ta' l-isport ta' l-Istati Membri ta' l-UE,

- din l-inċertezza legali ma toħloqx biss problemi fl-aspetti ekonomiċi, iżda b'mod partikolari wkoll fil-kompiti soċjali, kulturali u pedagoġiċi tal-futball; għaldaqstant, mhuwiex ċar, jekk ir-regola tal-UEFA li tistipula li għandu jkun hemm kwota minima ta' pleyers "home-grown", li hija importanti ħafna għall-iżvilupp ta' plejers żgħażaġh, hijiex konformi ma' l-Artikolu 12 tat-Trattat fil-każ li tiġi eżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja,
- E. jinnota li fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja teżisti distinzjoni bejn regoli sportivi u regoli ekonomiċi ta' awtoritajiet amministrattivi tal-futbol professjonali; Dispożizzjonijiet sportivi ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat, filwaqt li dispożizzjonijiet ekonomiċi jistgħu jaqgħu jew ma jaqgħux il-kamp ta' applikazzjoni u jistgħu ikunu ġustifikati jew ipprojbiti fil-qafas tat-Trattat;
- F. iqis li regoli dwar il-kompożizzjoni ta' timijiet nazzjonali¹, jew regoli rigward l-għażla minn federazzjonijiet sportivi ta' liema membri tagħhom jistgħu jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet internazzjonali ta' livell għoli², huma sempliċiment regoli sportivi, u b'konsegwenza, min-natura tagħhom, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli 39 u 49 tat-Trattat; ma' dawn id-dispożizzjonijiet iridu jiżdiedu r-"regoli tal-logħba" stess fis-sens ristrett ta' l-espressjoni, pereżempju, ir-regoli li jistipulaw it-tul tal-logħba jew in-numru ta' plejers, l-organizzazzjoni u t-twettiq ta' avvenimenti sportivi u kampjonati, peress li l-isport jista' jeżisti u jiffunzjona biss fuq il-bażi ta' regoli fissi; din il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, madankollu, ma tistax tmur lil hinn minn dak li jitlob l-iskop tagħha³; l-istess prinċipji japplikaw fir-rigward ta' l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat,
- G. iqis li dawk koperti minn miżuri u deċiżjonijiet ta' tribunali sportivi xorta waħda qabel kollox, huma suġġetti għal-liġi nazzjonali, li għandha tissalvagwardja l-pożizzjoni legali tagħhom; għaldaqstant, fid-dawl tas-supremazija assoluta li l-qrati nazzjonali jgawdu istituzzjonalment, li konsegwentement ma huma suġġetti għall-ebda limitazzjoni tad-dritt kostituzzjonali tagħhom, mhuwiex possibbli li l-awtonomija tal-liġi sportiva titqies bħala responsabbli esklussivament għall-protezzjoni legali,
- H. iqis li l-għażla tal-ġurisdizzjoni, nazzjonali jew sportiva, ma tistax tkun is-suġġett ta' ftehim minn qabel li jirreferi kwistjonijiet futuri esklussivament lill-awtoritajiet federali u /jew tribunali arbitrarji, iżda għandha tkun ir-riżultat ta' għażla ħielsa mill-partijiet wara li tkun bdiet it-tilwima,
- I. iqis, madankollu, li l-ġurisdizzjoni tal-qorti ordinarja tibqa' valida meta kwistjonijiet dwar sanzjonijiet dixxiplinarji imposti minn tribunali sportivi fuq klabbs affiljati ma' federazzjonijiet sportivi u bbażati fuq in-nuqqas ta' osservanza ta' regoli purament tekniċi ta' natura sportiva, huma ta' tant gravi li jwasslu għal ċensura kunsiderevoli jew għat-telf ta' l-istatus ta' affiljazzjoni, iqis li mhux biss il-miżuri dwar is-sospensjoni ta'

¹ Ara l-każ 36/74, paragrafi 8 u 13/76, paragrafu 14.

² Ara l-każijiet konġunti C-51/96 u C-191/97, Delière, Slg. 2000, p. I-2549, paragrafu. 64.

³ Ara l-każ 36/74, paragrafu 9; 13/76, paragrafu 15; C-415/93, paragrafu 76 u 127; C-51/96 u C-191/97, paragrafu 43; C-176/96, paragrafu 34.

affiljazzjoni ta' klabb sportiv ma' federazzjoni, iżda anki miżuri biex jiġi eskluż minn kampjonat partikolari, huma barra l-kamp konċettwali u ontoloġiku kif ukoll il-kontenut tal-kamp ta' l-awtonomija sportiva, minħabba r-raġuni sempliċi iżda determinanti li dawn huma miżuri ta' sanzjoni, peress li jneħħu s-setgħat u, għalhekk, pożizzjonijiet suġġettivi legali koperti mill-isfera legali ġenerali ta' soċjetajiet sportivi, u b'hekk isir impossibbli li klabb jiżviluppa u jilħaq l-iskop stipulat tiegħu, u neċessarjament u inkontestabbilment jaqqa' fil-livell ta' ġurisdizzjoni u mhux biss fir-regoli sportivi interni,

- J. iqis li bl-istess mod, l-inċertezza legali għandha l-konsegwenza li mhuwiex ċar sa fejn twassalt l-awtonomija ta' organizzazzjonijiet awtoregolatorji bħall-UEFA, kemm hija marbuta ma' ċerti prinċipji tal-liġi ta' l-UE (nuqqas ta' diskriminazzjoni, proporzjonalità, proċeduri demokratiċi u kostituzzjonali, is-salvagwardja tad-drittijiet tal-plejers) fit-twettiq tad-dritt ta' awto-amministrazzjoni u l-kompiti regolatorji tagħha, u sa fejn jistgħu jeżerċitaw id-dritt ta' "monopolju" (il-problema tar-regola dwar il-logħob ta' timijiet f'darhom u barra minn darhom, "breakaway leagues", il-liġi dwar id-ditti), jew jekk, peress li huma jaġixxu kemm bħala regolaturi u operaturi ekonomiċi fl-istess suq, dan iwassalx għal kunflitt ta' interess jew abbuż ta' pożizzjoni determinanti,
- is-supremazija tal-liġi Komunitarja u l-aċċess għall-ġustizzja ordinarja ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni għandha tkun iggarantita anki fl-isport,
- K. il-futbol Ewropew jeħtieġ "level playing field", għall-kompetizzjonijiet internazzjonali anki fis-sens ekonomiku u legali wkoll, iżda dan mhuwiex il-każ minħabba r-regolamenti differenti li japplikaw fl-Istati Membri, pereżempju fil-marketing tad-drittijiet televiżivi (konġunti jew individwali), il-kundizzjonijiet dwar rappurtaġġ b'xejn permezz ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni free-to-air, regolamenti nazzjonali u/jew lokali differenti dwar sussidji u taxxi, permessi dwar plejers minn stati terzi, prattiċi ta' għoti ta' liċenzji u kundizzjonijiet differenti dwar il-propjetà u t-tmexxija ta' klabbs; dan kollu jeffettwa ħażin il-kompetizzjoni sportiva,
- l-applikazzjoni tal-liġi ta' l-UE, b'mod partikolari s-sentenza Bosman tal-Qorti tal-Ġustizzja, kellha impatt pożittiv fuq id-drittijiet ta' plejers professjonali, iżda fl-istess ħin, skond il-FIFPro¹ madwar 50% tal-plejers professjonali fl-Ewropa m'għandhomx kuntratt tax-xogħol mal-klabbs tagħhom u ħafna kuntratti tax-xogħol u t-taħriġ f'dan il-qasam huma legalment dubjużi,
 - l-artikolu dwar l-isport (Artikolu III-282) inkorporat fit-Trattat Kostituzzjonali mhux mill-Konvenzjoni iżda mill-Konferenza Intergovernattiva, qed jiffaċċja l-istess destin tat-Trattat tal-Kostituzzjoni, diġà qed jiġi interpretat b'mod differenti u jibqa' problematiku sakemm il-futbol professjonali llum jibqa' essenzjalment attività ekonomika u l-applikazzjoni tal-liġi ta' l-UE ma tiġix soppressa billi jiġu ċċitati "strutturi volontari" u l-kompitu soċjali u dak edukattiv, u fuq kolloxx mhuwiex suffiċjenti biex iżid iċ-ċertezza legali,
 - il-futbol Ewropew, li huwa bbażat fuq il-prinċipju tan-nazzjonalità, għandu jsib bilanċ ġust bejn il-bażi nazzjonali ta' l-isport u l-livell Ewropew, biex jaġmilha

¹ Fédération Internationale des Footballeurs Professionnels

possibbli li l-kampjonati tal-futbol u l-klabbs tal-futbol jikkoperaw b'mod effettiv,

- L. jinnota li, kif huwa spjegat fil-każistika tal-Qorti ta' Ġustizzja, fejn attività sportiva tiegħu l-forma ta' attività ta' impieġ jew ta' forniment ta' servizz bi qligħ, skond il-każ, hija taqa' qabel kolloxx fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 39 et seq. jew l-Artikolu 49 et seq. tat-Trattat¹,
- M. id-dispożizzjonijiet dwar il-ħlas ta' kumpens fil-każ ta' trasferimenti ta' plejers professjonali bejn klabbs (klawżola dwar it-trasferimenti) jew li jillimitaw in-numru ta' plejers professjonali minn Stati Membri oħra li dawn il-klabbs jistgħu jilagħbu fil-logħbiet tagħhom (dispożizzjonijiet dwar il-kompożizzjoni tat-timijiet) jew ukoll l-iffissar ta' regoli mingħajr l-ebda raġuni objettiva ta' natura purament sportiva jew iġġustifikata minn sitwazzjonijiet differenti bejn il-plejers, skadenzi differenti għat-trasferimenti ġejjin minn Stati Membri oħra (klawżola dwar l-iskadenzi għat-trasferimenti), jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 39 et seq. u l-Artikolu 49 et seq. tat-Trattat u huma suġġetti għall-projbizzjonijiet li jippenalizzawhom²,
- N. iqis li l-prinċipji li joħorġu mill-każistika fil-qasam ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Komunità rigward il-libertà ta' moviment ta' persuni u servizzi japplikaw anki għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' l-UE dwar il-kompetizzjoni u, jekk ikun il-każ, jistgħu jiksru l-libertajiet iggarantiti minn dawn id-dispożizzjonijiet u jkunu suġġetti għal proċeduri skond l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat,
- O. iqis li regoli purament sportivi, jiġifieri, regoli rigward kwistjonijiet ta' interess esklussivament sportiv, li per se ma jkollhomx x'jaqsmu ma' attività ekonomika³, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat. dawn ir-regoli, li jrrigwardaw il-karattru u l-kuntest speċifiku ta' avvenimenti sportivi huma marbuta ma' l-organizzazzjoni u t-twettiq korrett tal-kompetizzjoni sportiva u ma jistgħux jitqiesu bħala restrizzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Komunità dwar il-libertà ta' moviment tal-ħaddiema u l-libertà ta' forniment ta' servizzi,
- P. jitlob lill-Kummissjoni biex toffri gwida, fil-kuntest tal-futbol Ewropew, dwar kundizzjonijiet tal-qafas legali tiegħu u biex tagħti kontribut sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali,
- Q. huwa tal-fehma li, fid-dawl tan-nuqqas ta' kompetenza leġiżlattiva għall-isport, jistgħu jiġu applikati strumenti varji tat-Trattat ta' l-UE fil-qafas ta' pjan ta' azzjoni, bħal, pereżempju:
- direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwistjoni tal-permess għall-plejers barra l-UE, biex jitħarsu plejers żgħażagħ u aġenti tal-plejers;
 - eżenzjonijiet ta' gruppi rigward diversi varji tal-liġi dwar il-kompetizzjoni,

¹ Ara l-każijiet 36/74, Walrave und Koch, Slg. 1974, p. 1405, paragrafu 5, 13/76, Donà, Slg. 1976, p. 1333, paragrafi 12 u 13 u C-415/93, Bosman u. a., Slg. 1995, p. I-4921, paragrafu 73.

² Ara s-sentenzi fil-każijiet C-415/93, paragrafu 114 u 137, C-176/96, Lehtonen, Slg. 2000, p. I-2681, paragrafu 60, u C- 438/00, Deutscher Handballbund, Slg. 2003, p. I- 4135, paragrafu 56-58)

³ Ara l-każ 36/74, paragrafu 8.

- pereżempju, kuntratti ta' marketing, sussidji;
- direttivi tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 211 tat-Trattat KE dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni; f'dan ir-rigward, għandu jiġi eżaminat kemm servizzi ta' organizzazzjonijiet sportivi fil-fatt jagħtu servizz ta' interess ekonomiku ġenerali fis-sens ta' l-Artikolu 86 tat-Trattat;
 - Strumenti ta' dialoġu soċjali, b'mod partikolari rigward kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-plejers;
 - rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri biex jitneħħew differenzi fir-regolamenti nazzjonali (pereżempju, lejn armonizzazzjoni tas-sistemi ta' marketing);
 - deċiżjonijiet ta' qafas tal-Kunsill, pereżempju, rigward il-ġlieda kontra l-fenomeni tal-kriminalità,
- R. jitlob lill-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-pjan ta' azzjoni biex tadotta l-proposti ta' dan ir-rapport u tinvolvi lill-Parlament fl-aspetti kollha ta' tfassil u implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni u kif ukoll tikkonsulta lill-organizzazzjonijiet sportivi, ir-rappreżentanti tal-plejers u dawk kollha interessati,
- S. ma jqisx neċessarju l-istituzzjoni ta' aġenzija sportiva ta' l-UE;
- T. huwa tal-fehma li awtoritajiet tal-futbol imexxu l-isport tagħhom b'mod indipendenti sakemm ir-regoli jibqgħu ta' karattru sportiv; huwa tal-fehma, madankollu, li, jekk ir-regoli jinkludu restrizzjonijiet, dawn għandhom ikunu proporzjonali, u allura ġġustifikati u neċessarji biex jintlaħqu skopijiet sportivi relattivi;
- U. huwa tal-fehma li l-futbol għandu jggarantixxi l-indipendenza reċiproka tal-kompetituri u neċessarjament l-inċertezza tar-riżultati tal-kompetizzjonijiet, li jista' jservi bħala ġustifikazzjoni għall-organizzazzjonijiet sportivi biex jimplementaw qafas speċifiku għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' avvenimenti sportivi fis-suq; jemmen, madankollu, li dan il-qafas speċjali, minħabba fl-importanza dejjem tiżdied ta' attivitajiet bħal dawn, mhijiex ġustifikazzjoni għal eżenzjoni awtomatika ta' l-attivitajiet ekonomiċi iġġenerati mill-futbol professjonali mid-dispożizzjonijiet tal-Komunità dwar il-kompetizzjoni;
- V. huwa ta' l-idea li l-liġi Komunitarja, b'mod partikolari r-regoli dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni, tapplika, meta l-futbol isir attività ekonomika jew kummerċjali;
- W. huwa tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għandha tagħti gwida ċara dwar liema "regoli sportivi" huma kompatibbli awtomatikament mal-liġi tal-Komunità u għal liema "regoli relatati ma' l-isport" tapplika l-liġi Komunitarja;
- X. huwa tal-ħsieb li għandu jinbenda proċess ta' konsultazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-awtoritajiet tal-futbol Ewropew, sabiex jinholq mekkaniżmu li jippermetti li jiġi stabbilit liema dispożizzjonijiet u prattiki legali jaqgħu fil-liġi Komunitarja u liema le; huwa tal-fehma li proċess ta' konsultazzjoni bħal dan jista' jwassal għal ftehim qafas formali bejn l-UE u l-UEFA.

PROCĊEDURA

Titolu	Il-ġejjieni tal-futbol professjonali fl-Ewropa		
Referenzi	2006/2130(INI)		
Kumitat responsabbli	CULT		
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 15.6.2006		
koperazzjoni aktar mill-qrib – Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja			
Rapporteur ta' opinjoni Data tal-ħatra	Maria Berger 30.5.2006		
Rapporteur ta' opinjoni preċedenti:			
Eżami fil-kumitat	11.9.2006	3.10.2006	21.11.2006
Data ta' l-adozzjoni	21.11.2006		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	21 0 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Berger, Carlo Casini, Rosa Díez González, Giuseppe Gargani, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Antonio López-Istúriz White, Achille Occhetto, Aloyzas Sakalas, Gabriele Stauner, Andrzej Jan Szejna, Diana Wallis, Jaroslav Zvěřina		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Nicole Fontaine, Jean-Paul Gauzès, Othmar Karas, Eva Lichtenberger, Arlene McCarthy, Manuel Medina Ortega		
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sharon Bowles, Albert Deß, Ewa Klamt		
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...		